MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1059/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs.**

**Evelyn Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Evelyn Schembri**, ta' tnejn u erbghin (42) sena, bint il-mejjet John Baptist Schembri u Maria xebba Camilleri, imwielda Pietà nhar is-26 ta' April 1969, residenti gewwa l-fond numru 9, Dorvin, Triq il-Parilja, Santa Venera u detentrici tal-Karta tal-Identita bin-Numru 177769(M), akkuzata talli:

1. nhar it-2 ta' Lulju 2011, matul il-jum u cioé ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, u cioé minn gewwa l-

Ispizerija ta' l-Isptar Mater Dei, Msida, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, *ai termini* tal-Artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta Kapitolu 9, ikkommettiet serq ta' diversi medicinali, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, bil-valur kif ukoll bil-lok, u li sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' persuni ohra;

2. fl-20 ta' Lulju 2011, u kif ukoll qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, xjentement, laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, u cioé medicinali mehuda b'qerq jew akkwistati b'reati jew xjentement b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "JM 4" – *a fol.* 21).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputata, l-imputata tat il-kunsens taghha biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 7).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju.

Semghet lix-xhieda prodotti mid-difiza.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 85 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2011, xehed **l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Jesmond Micallef** (*a fol.* 8 *et seq.*) rigward ir-rapport li kien sar fis-16 ta' Lulju 2011 minn xi nies inkarigati mill-ispizerija tal-iSptar Mater Dei fejn gie allegat li minn *stock taking* li kien sar kienu nstabu

ammont konsiderevoli ta' pilloli neqsin minn gol-ispizerija. Il-pilloli kienu Simvastatin ta' 20 mg u kien hemm madwar 2100 minnhom neqsin. Jispjega li mill-investigazzjonijiet li saru u wara li gew iccekjati is-*CCTV* fit-2 ta' Lulju 2011 tidher l-imputata taghti *envelope* lil xi hadd tal-ispizerija u aktar tard l-imputata tidher hierga b'erba' boroz kbar maghluqin. Spjega li l-imputata rrilaxxat stqarrija (Dok. "JM 2" – *a fol.* 16 *et seq.*) u li bis-sahha taghha l-investigazzjoni nfirxet u gew mressqa persuni ohra l-Qorti.

In kontro-ezami (*a fol.* 10 *et seq.*) mistoqsi jghid jekk jemminx il-verzjoni moghtija mill-imputata li effettivament hija qatt ma hadet flus ghall-pilloli kull meta taghthom biex tghin lil xi hadd, wiegeb fl-affermattiv.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2012 (*a fol.* 62 *et seq.*), jghid li l-imputata qaltlu li dak li kienet qed taghmel kienet qed taghmlu biex tghin lil min hu fil-bzonn. Jghid li l-imputata semmietlu patri pero ma qaltlux ismu u kunjomu.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2011, xehdet **Melanie Xuereb** (*Principal Pharmacist* fl-iSptar Mater Dei) (*a fol.* 24 *et seq.*) li xehdet rigward rapport bil-miktub li sar minnha lil Peter Zammit (*Chief Pharmacist*) fis-7 ta' Lulju 2011, liema rapport sar minhabba xi medicina li nstabet nieqsa (cirka 2000) mill-ispizerija tal-iSptar Mater Dei. Tispjega li mill-filmat rat lill-imputata (li tahdem bhala *parent craft* fl-iSptar u li ma tistghax tidhol fl-ispizerija) li giet moghtija xi boroz minn tieqa zghira li huma jsejhulha *hatch*.

In kontro-ezami (*a fol.* 27 *et seq.*) tghid li hi ghamlet rapport li rat lill-impututa tmur mat-tieqa z-zghira u ratha tiehu xi affarijiet go borza. Tghid li l-filmat ratu fit-8 ta' Lulju 2011 u l-gurnata tal-filmat kienet dik tat-2 ta' Lulju 2011.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 68 *et seq.*), tghid li l-pilloli nieqsa kienu Simvastatin ta' 20 mgs.

Illi, fis-seduta tat-3 ta’ Novembru 2011, xehed ukoll **Peter Zammit** (*Principal Pharmacist* fl-iSptar Mater Dei) (*a fol.* 31 *et seq.*) li spjega kif Melanie Xuereb kienet infurmatu li kien hemm ammont nieqes tal-pilloli Simvastatin. Spjega li meta ra l-filmati ra lill-imputata, fit-2 ta’ Lulju 2011 ghal habta tal-3.45pm, tirtira xi pakkett minn gol-*hatch window*. Spjega wkoll li wara li komplew jaraw il-filmat, ghat-tieni darba (ghal habta tal-4.45pm) raw lill-imputata tirtira pakkett iehor.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-ammont nieqes kien dak ta’ 2000 pillola Simvastatin. Spjega li din hija medicina li tintuza hafna u li tintuza ghat-trattament tal-*cholesterol*.

Illi, fis-seduta tat-3 ta’ Novembru 2011, xehdet ukoll **Josette Sciberras** (*Acting Chief Pharmacist* fl-iSptar Mater Dei) (*a fol.* 39 *et seq.*) li xehdet li fil-15 ta’ Lulju 2011 dahlet lura mil-*leave* taghha u gie rappurtat lilha li kien hemm xi medicina nieqsa. Ikkonfermat li kien hemm madwar 2100 pillola Simvastatin nieqsa li naqsu bejn it-2 u s-7 ta’ Lulju. Tispjega li rat il-filmat flimkien ma’ Peter Zammit u Melanie Xuereb. Kompliet id-depozizzjoni taghha fuq l-istess linji taz-zewg persuni msemmija.

Illi, fis-seduta tal-15 ta’ Dicembru 2011, xehed **Andrew Xuereb** (Direttur tar-Rizorsi Umani u Amministrazzjoni fl-iSptar Mater Dei) (*a fol.* 49 *et seq.*) li xehed li l-imputata ilha impjegata mal-Gvern mis-16 ta’ Dicembru 1991 u qabel giet sospiza fil-11 ta’ Ottubru 2011 minhabba dan il-kaz kienet tahdem bhala *parent craft* fl-*Outpatient Department* tal-iSptar Mater Dei.

Illi, fis-seduta tal-15 ta’ Dicembru 2011, xehed ukoll **PS 1575 Robert Fava** (*a fol.* 52 *et seq.*) li xehed rigward l-okkorrenza redatta minnu (Dok. “RF 1” – *a fol.* 56 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-14 ta’ Mejju 2012, xehdet **l-imputata Evelyn Schembri** (*a fol.* 65 *et seq.*) li qalet li l-pilloli li kienet tiehu kienet taghtihom lill-patrijiet tal-Kapuccini tal-Kalkara. Issemmi lil Fr. Emanuel Abela u lill-Isqof Emanuel Barbara. Tghid li l-Isqof Emanuel Barbara kien jitlobha tmurlu ghal pilloli. Tispjega li hi qatt ma hadet mill-

pilloli msemmija f'din il-kawza, cioé is-Simvastatin. Tghid li fost il-pilloli li sabulha kien hemm dawk ta' certu Sharon Cipriott ukoll.

In kontro-ezami tghid li l-pilloli kienet tghaddihomlha l-ispizjara u li hi (l-imputata) ma kienet tghaddiehla l-ebda ricetti (la l-karta s-safra u lanqas il-kartuna r-roza) pero tghid li kien ikollha karta go *envelope* liema karta kien ikun fiha lista tal-affarijiet li kien ikollha bzonn. Tikkonferma li dawn il-pilloli kienet tghaddihom lil xi hadd iehor.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, xehdet **Sharon Deguara Cipriott** (*a fol.* 72 *et seq.*) li qalet li ilha taf lill-imputata ghal hafna snin peress li kienet tahdem maghha. Tiddeskrivi lill-imputata hekk: *"dejjem mohhha lil min ha tghin u kulhadd jigi biex ikellimha u kulhadd jerga' jigi biex jaraha, dejjem tghin lil xi hadd"* (*a fol.* 72). Tixhed li missierha miet fid-19 ta' Gunju 2011 u kien ghad fadal hafna pilloli tieghu u meta rat li dawn ma gewx accettati minn tal-Hospice, tkellmet mal-imputata biex minflok jintremew setghu jintuzaw minn xi hadd iehor. Tghid li ma tiftakarx x'pilloli kienu dawn. Tispjega li ommha ippakkjat kollox u hadithom ghall-imputata ghall-habta ta' Lulju 2011.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2013, xehdet **Josephine Cassar** (*Pharmacy Techinician – a fol.* 78 *et seq.*) li spjegat li l-kaz taghha gie deciz u li hi kienet il-persuna li fit-2 ta' Lulju kienet tat il-pilloli lill-imputata. Tghid li kienet tat lill-imputata tlett affarijiet ghal bzonn ghal pazjent sabiex ma jibqghax bla trattament u minkejja li kienu ftehmu (Cassar u l-imputata) li l-imputata kellha tohdilha r-ricetta tat-tabib, din baqghet ma waslitx. Tispjega li llum il-gurnata regghet dahlet lura fl-impieg pero mhux fl-istess post. Tghid li l-imputata marret erba' darbiet ghandha. Mistoqsija tghid ghal min kienet hadet il-pilloli l-imputata fit-2 ta' Lulju, tghid li l-imputata semmietilha qassis. Tghid li darb'ohra kienet marret ghal xi vitamini ghaliha personali u darb'ohra ghal xi mistura ghat-tifla ta' huhha. Tghid ukoll li l-imputata kienet marret darb'ohra u ma kienitx qdietha u li l-imputata kienet qaltilha li ma kienx jimporta peress li kienet ser tiddobba mill-*wards*. Tichad li tat mal-

2000 pillola lill-imputata. Mistoqsija x'kienet tat lill-imputata, tghid: *"Jien tajtha zewg pakketti Atherenol tal-25 mgs, pakkett Lescol min ghaliha tal-20mgs ghax issa insejt. Ghadda wisq zmien, u GTM patches*" (*a fol.* 79). Tghid li meta kienet tmur bir-ricetti l-imputata, dejjem qdiet lil tal-kleru.

Illi, **fl-istqarrija taghha** (Dok. "JM 2" – *a fol.* 16 *et seq.*), l-imputata tghid li gie li hadet xi medicina mill-ispizerija tal-iSptar minghajr ma jkollha ricetta jew kartuna safra jew roza. Tghid li dawn kienet tghaddiehomlha certu Josephine. Tispjega x'kien isir meta kienet tiehu l-medicina u tghid li kienet taghti dawn il-medicini lil patrijiet tal-Kapuccini tal-Kalkara wara li kienet offritilhom li jekk ikollhom bzonn xi haga, kienet taqdihom. Tghid li kienet taf li kienet qed tisraq izda tghid li kienet qed taghmel il-karita. Tghid ukoll li qatt ma talbet flus ghall-pilloli li kienet taghti lin-nies.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-imputata minn jeddha, u minghajr awtorizzazzjoni, kienet tiehu medicina mill-ispizerija tal-iSptar Mater Dei, liema medicina kienet tghaddihomlha Josephine Cassar. Apparti li l-imputata tammetti dan fl-istqarrija rilaxxata minnha, tammetti dan ukoll waqt li kienet qed taghti d-deposizzjoni taghha quddiem il-Qorti. Jirrizulta li l-allarm fl-ispizerija qam wara li kienu nstabu aktar minn 2000 pillola Simvastatin nieqsa u wara li rrizulta li ma kien hemm l-ebda problema fis-*software* (*a fol.* 25 u 32). Mill-provi prodotti u mismugha, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-imputata kellha xi involviment dwar in-nuqqas ta' aktar minn 2000 pillola Simvastatin. Ghalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputata kienitx involuta f'dan, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Minkejja dan, m'hemmx dubju pero li kienu jigu mghoddija lill-imputata xi medicina ohra minn Josephine Cassar, u li dan kien isir jew darba f'xahar jew darbtejn f'xahar.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata tinsab addebitata b’zewg imputazzjonijiet: l-ewwel imputazzjoni hija dik ta’ serq kwalifikat bil-persuna, bil-valur u bil-lok u t-tieni imputazzjoni hija dik ta’ ricetazzjoni.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li kienet l-imputata li effettivament kienet tisraq il-medicina. Mill-atti processwali jirrizulta li l-imputata kienet tilqa’ ghandha l-medicina li kienet diga mghoddija lilha mill-ispizerija tal-iSptar Mater Dei. *Di fatti*, jirrizulta li kienet Josephine Cassar li kienet tghaddi tali medicina lill-imputata. Jirrizulta wkoll li anke kontra Josephine Cassar ittiehdu proceduri kriminali, liema proceduri kriminali gew konkluzi.

Illi, in segwitu ta’ dan, ma tistax tinstab htija fl-imputata ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, liema imputazzjoni tirrigwarda serq ta’ medicina.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata, ikun opportun li ssir riferenza ghall-kawza **Il-Pulizija vs. George Schembri** deciza fit-30 ta’ April 1992, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

“min jakkwista oggett f’cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dan l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, huwa hati ta’ ricettazzjoni. (Collez. Vol. XLV.IV.1032). Fil-kaz prezenti rrizulta illi l-appellat kien ircieva fil-garaxx tieghu xorb ikkonsenjat lilu ghal hamsa u nofs ta’ filghodu minghand bniedem illi l-appellat innifsu ddikjara li kien jafu bhala kriminal. L-appellat dana ghamlu bhalma ghamel verifiki jew xi domanda rigwardanti l-provenjenza ta’ dak ix-xorb. F’dawn ic-cirkostanzi jidher ovvju illi l-appellat kellu aktar minn suspett dwar il-kriminozità tal-provenjenza”.

Illi fil-ktieb tieghu **“Recent Criminal Cases Annotated”**, l-Imhallef William Harding jirreferi ghall-kaz **Il-Pulizija vs. Joseph Bugelli et** deciz fl-24 ta’ Jannar 1942 fejn jghid illi

fil-kaz ta' ricetazzjoni dawn ir-regolamenti ghandhom japplikaw:

"(1) the offence consists in an act subsequent to the main offence (theft, fraud, etc.), even though ancillary thereto, and constitutes and offence *per se*, and not a form of complicity;

(2) three conditions are essential, i.e. (a) that previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchases, or, in any manner, taken part in the selling of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods.

(3) Anyone who by his own act, of whatsoever nature, facilitates the disposal of the goods, contravenes the section."

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, u dana b'mod partikolari ghall-fatt ta' kif l-imputata irrizulta li kienet tiehu l-medicina li kien ikollha bzonn u kif din kienet tigi mghoddija lilha minn Josephine Cassar u dana minghajr awtorizzazzjoni ta' hadd, il-Qorti ma jibqghalha l-ebda dubju li effettivament t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali nadifa taghha, ic-cirkostanzi specjali tal-kaz u kif ukoll dak li wassal lill-imputata tiehu l-medicina. Il-Qorti tasal biex temmen li l-imputata kienet tircievi l-medicina sabiex tghaddieha lil persuni ohra li kien ikollhom bzonnha. Ma jirrizultax li l-imputata kienet qieghda taghmel xi profit finanzjarju ghaliha personalment.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputata mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, wara li rat Artikolu 334 tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi tlitt (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tirrakomanda illi f'dawn ic-cirkustanzi specjali, l-imputata izomm l-impjieg li kellha qabel giet sospiza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------